MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 599/2006

**Costantino Azzopardi I.D. 457054M**

**Vs**

**Joseph sive Joe Cilia**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta’ Lulju, 2006, fejn l-attur talab lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ sebghin Liri Maltin (Lm70) jew somma ohra verjuri rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ hamsin Lira Maltin (Lm50) somma lilu mislufa *brevi manu* u in kwantu ghas-somma ta’ ghoxrin Liri Maltin (Lm20) spejjez extra-gudizzjarji, bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra interpellatorja datata 8 ta’ Gunju, 2006 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tal-24 ta' Ottubru 2006 li permezz taghha jikkontesta t-talba attrici stante illi (1) kwantu ghas-somma ta' hamsin Liri Maltin (Lm50) allegatament mislufa brevi manu, dawn ma humiex dovuti, (2) kwantu ghas-somma ta' ghoxrin Liri Maltin (Lm20) ghal spejjez extra-gudizzjarji jrid jigi indikat fiex jikkonsistu dawn l-ispejjez, dejjem jekk huma relatati mal-mertu tal-kawza odjerna, (3) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli Avukati difensuri;

**Ikkunsidra** :

Illi din il-pendenza tirrigwarda talba ghal rifuzjoni ta' hamsin Liri Maltin (Lm50) allegat self maghmula mill-attur lill-konvenut u hlas ta' ghoxrin Liri Maltin (Lm20) spejjes extra-gudizzjarji, liema ammonti huma kontestati.

Illi l-attur jaghti versjoni korroborata minn Catherine Borg, filwaqt illi l-konvenut jichad illi qatt issellef l-ammont minnhu riklamat mill-attur.

Dwar is-self u allura t-talba ghar-rifuzjoni ta' hamsin Liri Maltin (Lm50), it-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet kunfligganti. B'dana kollu, mill-provi kollha prodotti, it-Tribunal isib, almenu fuq livell ta' probabilita`, illi l-versjoni ta' l-attur hija aktar kredibbli u attendibli, u dan anke ghaliex il-verzjoni tieghu hija korroborata minn Catherine Borg.

Dwar l-ghoxrin Liri Maltin (Lm20) ghall-ispejjes extra-gudizzjarji, it-Tribunal jinnota illi ghalkemm xehed l-Avukat ta' l-attur u kkonferma illi kien baghat l-ittra legali tat-8 ta'Gunju 2006, b'dana kollu l-attur naqas milli jressaq prova illi ghamel tali spejjes in kwantu ma' ressaq ebda prova ta' tali spejjes.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal sejjer jilqa` in parte t-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' hamsin Liri Maltin (Lm50) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamsin Liri Maltin (Lm50), filwaqt illi jilqa` biss t-tieni eccezzjoni tal-konvenut limitata ghas-somma ta' ghoxrin Liri Maltin (Lm20) spejjes extra-gudizzjarji.

Bl-imghax legali mit-8 ta' Awissu 2006 (data tan-notifika ta' l-Avviz) sad-data tal-hlas finali u bl-ispejjes kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------